# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 656/2018**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**-Vs-**

**TONY ZAMMIT**

**Illum, 29 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi TONY ZAMMIT ta' 40 sena, iben Frank u Gracie nee' Galdes, imwieled Australia nhar it-13 ta' Ottubru 1978, detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 158192M u residenti gewwa Binja Minzel, Block 3, Flat 20, Triq Guze Abela, Zejtun tressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fit-12 ta' Ottubru 2018 ghall-habta ta' xi l-hdax u nofs ta' filghodu, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Maria Pace ta' 84 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur ;

2. Fil-11 ta' Ottubru 2018 ghall-habta ta' l-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu, gewwa Vjal De La Cruz, Qormi, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Dolores Ciantar ta' 80 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur ;

3. Fil-11 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghodu, gewwa Triq San Guzepp, Pieta' ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Beatrice Fenech ta' 82 sena, li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur ;

4. Fl-10 ta' Ottubru 2018 ghall-habta ta' tmienja neqsin kwart ta' filghodu, gewwa Pjazza San Alwigi, Birkirkara, ikkommetta serq ta' gizirana min fuq il-persuna ta' Georgia Micallef ta' 62 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur ;

5. Fit-8 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar, gewwa Triq San Karlu, Ghaxaq, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Dorotea Cuschieri ta' 81 sena, li hija persuna anzjana ;

6. Fit-8 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, gewwa Triq Santa Marija, Tarxien ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Marija Elena Lughermo ta' 66 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur ;

7. Fl-4 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg, Luqa ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Mary Callus ta' 67 sena, li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur ;

8. Fl-4 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu, gewwa Triq Guze D'Amato, Paola ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta'

Mary Cassar ta' 75 sena, li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur ;

9. Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati .

Rat illi waqt l-interrogatorju fil-25 ta' Ottubru 2018, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Novembru 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

1. Fl-Artikoli 261, 267, 279 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 257D tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;;
3. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386. 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2021;

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

Illi l-fatti ta' din il-kawża jikkonċernaw serje ta' serqiet li twettqu fuq medda ta' ċirka ghaxart ijiem f'Ottubru 2018 ikoll bl-istess *modus operandi* ċioe` serq ta' ġiżirajjen *snatch and grab* fejn l-aggressur javviċina lill-vittma, jgħidilha bonġu jew jaljenaha mod ieħor u f'ħakka t'għajn jaħtaf il-ġiżirana minn m'għonqha. Għalkemm dawn is-serqiet ġew kommessi f'lokalitajiet differenti madwar Malta, il-vittmi kienu kollha nisa anzjani li kienu mexjin fit-triq u mill-investigazzjonijiet li saru, fosthom mill-filmati meħudin minn CCTV cameras, mid-deskrizzjoni mogħtija mill-vittmi tal-ħwejjeġ li kien liebes l-aggressur, u minn informazzjoni anonima dwar il-vettura li ntużat fil-kommissjoni ta' tnejn minn dawn is-serqiet, liema vettura jirriżulta li hija liċenzjata f'isem Tony Zammit[1], il-Pulizija waslu biex jidentifikaw lill-imputat odjern bhala l-awtur ta' dawn is-serqiet. L-Ispettur Fabian Fleri[2] xehed li l-imputat huwa magħruf sewwa mal-Pulizija.

## PROVI

[1] Vettura Nissan Sunny bin-numru ta' registrazzjoni BAO-052 ta' lewn griż.
[2] Xhieda tal-25 ta' Ottubru 2018.

- **Serqa fit-13 ta' Ottubru 2018 ġewwa Santa Venera**

Id-derubata Maria Abela, li fiż-żmien tar-reat kellha tlieta u sebgħin sena, xehdet illi waqt li kienet sejra taqsam it-triq fil-kantuniera, ġewwa Santa Venera, ġie raġel liebes tracksuit griż u *hood* fuq rasu u ħatfilha biċċa mill-ġiżirana li kellha m'għonqha. Spjegat illi wara li tatu daqqa ta' umbrella, qalilha terġa' tieħu lura din il-biċċa ġiżirana iżda minflok tahielha lura, ħatfilha l-parti l-ohra li kien għad baqa' ma' għonqha[3]. Fir-rigward, xehed PS827 Edward Grech li kkonferma li kien hu li rċieva mingħand l-imsemmija Maria Abela r-rapport dwar is-serqa li seħħet fit-13 ta' Ottubru 2018 u kien mar magħha fuq il-lok tal-akkadut fejn hija indikatlu eżatt fejn saret is-serqa u d-direzzjoni li fiha l-aggressur ħarab minn fuq il-post dan sabiex jiġu elevati filmati minn cameras fl-inhawi[4].

Għalkemm jirriżulta li ma kienx hemm cameras fl-inħawi li qabdu s-serqa *per se*, PS1337 Kevin Curmi xehed illi kienet daħlet telefonata anonima minn persuna li qalet li waqt li kienet għaddejja mit-triq rat is-serqa sseħħ u rat l-aggressur li kien liebes tracksuit griz u *hood*, jiġri lejn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO-052 ta' lewn griża li kienet qed tistenna ġewwa Triq l-Erbgħa ta' Settembru u jirkeb fiha biex jitlaq minn fuq il-post[5]. Ix-xhud qal ukoll li din l-istess vettura tidher f'filmat li ġie elevat mill-Pulizija u li fih tidher persuna liebsa l-istess ħwejjeġ, ċioe` tracksuit u *hood* kif ukoll il-vettura bl-istess numru rapportat. Kompla jixhed illi minn eżerċizzju li sar fuq il-filmati tal-cameras taċ-Ċentru tad-Detox, jirriżulta li f'dik l-istess ġurnata għall-ħabta tal-istess ħin tas-serqa li twettqet fuq il-persuna ta' Maria Abela, deher l-imputat Tony Zammit dieħel fiċ-Ċentru liebes *tracksuit* ta' lewn blu u bil-*hood* imnizzel, liema *hood* jidher ċar fil-filmat.

- **Serqa fit-12 ta' Ottubru 2018 ġewwa l-Ħamrun**

---

[3] Skont ix-xhud, din il-gizirana kellha valur ta' cirka mitejn u hamsin Lira Maltin izda sussegwentement, hija xehdet li dan l-valur huwa ta' mitejn u hamsin Euro – fol. 166 u 167.

[4] Xhieda tal-15 ta' Mejju 2019. Ref. Dok. FF8, fol. 49 sa 52 tal-atti.

[5] Din il-vettura jirrizulta li hija licenzjata f'isem Tony Zammit bil-karta tal-identita` numru 158192M u ilha hekk registrata mid-29 ta' Marzu 2018 – Dok. SC.

Id-derubata f'din is-serqa hija Maria Pace, li xehdet illi hija għamlet rapport lill-Pulizija dwar is-serq tal-ġiżirana tagħha bid-domna, meta kienet il-Ħamrun fit-triq tal-ħwienet. Hija xehdet li dakinhar kellha xagħarha mgħolli u ġiet persuna minn warajha, qabdilha l-ġiżirana u telaq jiġri.

- **Serqa fil-11 ta' Ottubru 2018 ġewwa Ħal Qormi**

Dolores Ciantar xehdet illi filwaqt li kienet qiegħda Hal Qormi għall-ħabta tad-9.30 a.m., ġie raġel jiġri fuq il-bankina minn faċċata tagħha, liebes flok isfar u *shorts*, u qalilha bonġu. Kif qaltlu bonġu huwa ħatfilha l-ġiżirana u telaq jiġri '1 hemm. Ix-xhud fissret li dak il-ħin hija ħadet qatgħa kbira u kienet taħt xokk iżda għarfet lill-aggressur tagħha minn fuq il-filmat li kien intwerilha sussegwentement.

Fir-rigward xehed PS1337 Kevin Curmi li qal huwa eleva filmati minn CCTV cameras ġewwa Triq San Bastjan Hal Qormi li minnhom jidher vettura griża bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO-052 tipparkja fit-triq u minnha toħrog persuna liebsa bermuda iswed, flok ta' lewn *mustard* u *slipper* iswed[6], liema persuna tidher miexja fid-direzzjoni ta' Triq l-Arkata u wara ftit minuti tiġi tiġri minn ġol-istess triq għal ġo Triq San Bastjan fejn tirkeb fl-istess vettura u titlaq. Din il-vettura jirriżulta li hija reġistrata fuq Tony Zammit bil-karta tal-identita` bin-numru 158192 u x-xhud għaraf lill-imputat bħala l-persuna li tidher fil-filmati. Xehed ukoll illi fl-istess ġurnata tal-11 ta' Ottubru 2018, ċirka nofs siegħa qabel twettqet din is-serqa, Tony Zammit jidher fil-filmat meħud minn fuq CCTV cameras ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox, Gwardamangia, liebes l-istess ħwejjeg ċioe` bermuda iswed, flok *mustard* u *slipper* iswed.

- **Serqa fil-11 ta' Ottubru 2018 ġewwa l-Pieta`**

[6] Dawn il-hwejjeg gew esebiti materjalment mix-xhud – Dok. KC15 u KC16.

Beatrice Fenech xehdet dwar rapport li hija għamlet lill-Pulizija fil-11 ta' Ottubru 2018 fejn hi rrapportat is-serq tas-salib li kellha mdendel mal-ġiżirana tagħha. Hija spjegat illi waqt li kienet miexja ġewwa Triq San Gużepp, tal-Pieta`, ġie raġel fuqha u qalilha 'bonġu' meta fil-pront, ħatfilha s-salib u ħarab jiġri 'l isfel fid-direzzjoni ta' St. Luke's. Qalet illi l-ġiżirana baqgħet ma' għonqha iżda nqasmet min-nofs.

PS1337 Kevin Curmi xehed dwar dan ir-rapport u spjega illi huwa eleva filmat minn Triq San Ġuzepp, Pieta` fejn fil-ħin li indikat il-vittma, jidher persuna liebes flok ta' lewn *mustard* u bermuda iswed bil-bwiet sofor bin-numru 76, liema bermuda ġie esebit fl-atti (Dok. KC16) filwaqt li l-flok, li wkoll gie esebit fl-atti[7], huwa l-istess wiehed li kien liebes l-aggressur fis-serqa li seħħet ġewwa Ħal Għaxaq fit-8 ta' Ottubru 2018. Ix-xhud stqarr illi huwa eleva l-filmati miċ-Ċentru tad-Detox ġewwa Gwardamangia tal-11 ta' Ottubru 2018 fejn ċirka għaxar minuti qabel twettqet is-serqa in diżamina f'Tal-Pieta`, l-imputat Tony Zammit jidher diehel fiċ-Ċentru liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes l-aggressur fl-imsemmija serqa, ċioe` bermuda iswed, flok ta' lewn *mustard* u *slipper* iswed.

- **Serqa fl-10 ta' Ottubru 2018 ġewwa Birkirkara**

Georgia Micallef, id-derubata, xehdet[8] illi hija kienet qed tkellem fuq il-mobile ġewwa Pjazza San Alwigi, Birkirkara għall-ħabta tat-8.00 a.m. meta rat raġel twil jiġri, liebes *shorts* u flok, li f'daqqa u l-ħin ħatfilha l-ġiżirana tad-deheb isfar li kellha m'għonqha. Dak il-hin hija waqgħet mal-art u weġġħet irkopptejha. Ix-xhud stqarret li l-ġiżirana li nsterqet kienet ilha għandha madwar tnejn u tletin sena u meta marret tixtri ohra simili taghha, talbuha €500[9].

Ix-xhud PS1337 Kevin Curmi xehed illi d-derubata indikatlu t-triq fejn mar jiġri l-aggressur bħala Triq Santa Tereza, Birkirkara u minn filmat li huwa eleva minn fuq il-

[7] Dok. KC15.
[8] Xhieda tal-25 ta' Ottubru 2018 u 15 ta' Mejju 2019.
[9] Dwar dan ir-rapport xehdet ukoll WPS198 Jennifer Caruana fis-26 ta' Frar 2019.

post, għaraf lill-imputat Tony Zammit liebes flok griż u *shorts* iswed u *slipper* iswed bil-qiegħ abjad. Dan il-filmat ġie mqabbel mal-filmat li ttieħed minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox ġewwa Gwardamangia fl-istess ġurnata tal-10 ta' Ottubru 2018 fejn għall-ħabta tat-8.30 a.m., l-imputat Tony Zammit jidher dieħel ġewwa ċ-Ċentru liebes l-istess bermuda, flokk b'*logo* kbir iswed u *slipper* li jidhru fl-imsemmi filmat.

- **Serqa fit-8 ta' Ottubru 2018 ġewwa Ħal Għaxaq**

Dorotea Cuschieri xehdet[10] illi hija kienet miexja ġewwa l-isqaq fejn toqgħod[11] ġewwa Hal Ghaxaq b'żewġ basktijiet fil-maltemp u kif waslet fil-kantuniera, mar fuqha persuna maskili u beda jistqasiha fuq xi persuni li hija ma tafhomx. F'daqqa u l-ħin dan ir-raġel qabdilha l-ġiżirana tad-deheb li kienet liebsa u taha daqqa ta' ponn go wiċċha. Ix-xhud qalet li kienet imbeżża' u li għadha sal-lum imwerwra, mitlufa u mfixkla minħabba dak li ġralha u għalkemm qatt ma ratu qabel, qalet li dan ir-raġel li seraqha jixbah lill-imputat Tony Zammit li indikatu waqt li kienet qiegħda tixhed quddiem il-Qorti.

Dwar ir-rapport ta' din is-serqa xehed, fost ohrajn, PC1158 Christopher Saliba[12] li qal li fit-8 ta' Ottubru 2018 huwa rċieva rapport[13] mingħand ċertu Dorotea Cuschieri li kienet giet misruqa ġiżirana li kienet liebsa berrita, jeans blu u flok isfar jew aħdar[14], u dan ġewwa Hal Ghaxaq. Hija kienet irrapportat illi kienet miexja lura lejn id-dar meta persuna maskili liebes berritta u jeans blu waqqafha biex jistaqsiha fejn joqgħod Mario ta' Nerik u waqt li qiegħda turih, ħatfilha l-ġiżirana minn ma għonqha u telaq jiġri.

PS1337 Kevin Curmi xehed illi huwa eleva filmati minn CCTV cameras ġewwa residenza fl-istess triq fejn seħħet din is-serqa u dawn jaqbdu lill-anzjana miexja u

[10] 26 ta' Frar 2019.
[11] St. Charles Alley.
[12] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2019.
[13] Rapport a fol. 66 sa 68 tal-atti.
[14] Ara fol. 194.

dieħla l-isqaq u sekondi wara tidħol persuna miexja warajha liebsa bermuda tal-jeans u flok lewn *mustard*. Wara ftit, il-camera taqbad lil din il-persuna toħrog tiġri u wara toħroġ l-anzjana. Ix-xhud ikkonferma li waqt it-tfittxija li saret fid-dar tal-imputat Tony Zammit fit-13 ta' Ottubru 2018, huwa eleva l-ħwejjeġ identiċi għal dawk li kien liebes l-aggressur, liema ħwejjeġ ġew esebiti minnu bhala Dok. KC14 u KC15.

- **Serqa fit-8 ta' Ottubru 2018 ġewwa Hal Tarxien**

Maria Elena Lughermo xehdet illi fit-8 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tad-9.15 a.m. hija kienet fuq il-bankina ġewwa Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, u fil-waqt li qiegħda titkellem ma' persuna oħra, ġie raġel minn faċċata u beda jħares lejha u kif wasal ħdejha eżatt, ġibdilha l-ġiżirana b'domna twila magħha u telaq jiġri biha. Spjegat li dan ir-raġel kellu xagħru isfar, kien liebes flok griż u bermuda griż u għalkemm ipprovat tiġri warjah, huwa dar il-kantuniera u ma ratux iżjed. Dan ir-raġel hija għarfitu bhala l-imputat. Il-ġiżirana u d-domna kellhom valur sentimentali[15].

PS1337 Kevin Curmi xehed illi huwa gie infurmat b'rapport ta' serq li seħħ fit-8 ta' Ottubru 2018 fil-għodu ġewwa Ħal Tarxien fejn il-vittma kienet Maria Elena Lughermo ta' sitta u sittin sena u meta ġew elevati l-filmati minn CCTV cameras ġewwa St. Mary Street, huwa ra li l-camera taqbad l-aggressur miexi lejn il-vittma u jisraqha u f'dan il-każ l-aggressur kien liebes *slipper* iswed bil-qiegħ abjad, shorts griż u flok griż, hekk kif iddeskriviet il-vittma. Xehed ukoll illi dakinhar stess, ftit qabel is-serqa fit-8.15 a.m., l-imputat Tony Zammit daħal jieħu l-mistura ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox ġewwa St. Luke's, u dan skont kif jirriżulta mill-filmati tal-camera ta' CCTV tal-istess Ċentru. Ix-xhud qal li huwa ra l-filmat u l-imputat jidher liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes l-aggressur fis-serqa ta' Ħal Tarxien li twettqet ċirka siegħa wara.

- **Serqa fl-4 ta' Ottubru 2018 ġewwa Ħal Luqa**

[15] Dwar din is-serqa xehed ukoll PS15 Cyril Butters fis-26 ta' Frar 2019, Dok. CB3.

Il-vittma f'dan il-każ kienet Mary Callus li xehdet illi hija kienet miexja minn Triq San Ġorg, Ħal Luqa meta għall-ħabta tat-8.15 a.m. jew 8.20 a.m., avviċinaha raġel "*qiesu biex isellimli, qiesu jghidli bongu*" u ħatfilha l-ġiżirana li kellha ma' għonqha. Iddeskriviet dan ir-raġel bhala kien liebes qalziet iswed, flok griż u beritta sewda u dak il-hin ħutha Rita Buhagiar u Josephine Cassar marru jiġru warajh. Dan ir-raġel hija ratu wkoll fil-filmat tal-camera u quddiem il-Qorti hija għarfitu bhala l-imputat Tony Zammit. Qalet ukoll li l-ġiżirana li nsterqitilha kienet tiswa ċirka mitejn u ħamsin Lira Maltin meta nxtrat fuq tletin sena qabel.

Oħtha Rita Buhagiar xehdet illi hija semgħet lil ohtha Josephine tgħajjat fit-triq u kif fetħet il-bieb tar-residenza tagħha ġewwa Triq San Ġuzepp, Ħal Luqa, rat ir-raġel li indikatilha ohtha bhala l-persuna li seraq il-ġiżirana ta' ohthom Mary Callus, għaddej jiġri minn quddiemha waqt li qiegħda tiftaħ il-bieb ta' barra. Ghalkemm ippruvat tiġri warajh ma setghetx tlaħħaq miegħu iżda nnutat li kien liebes qalziet tal-*jogging* iswed, flok ta' lewn griż u beritta, u gharfet lill-imputat bhala r-raġel li ddeskriviet[16].

- **Serqa fl-4 ta' Ottubru 2018 ġewwa Paola.**

Mary Cassar xehdet dwar ir-rapport li hija għamlet lill-Pulizija[17] dwar is-serq ta' parti mill-ġiżirana taghha b'salib antik, minn ġewwa Rahal Gdid, viċin tal-Knisja, meta din inħatfet minn raġel li kien gej minn faċċata taghha. Spjegat kif dan ir-raġel, li kien twil u liebes qalziet ċar u qmis ta' lewn aħdar, ħabat maghha, dawwar idejh, ħataf il-ġiżirana - iżda parti minnha baqgħet imadwra m'għonqha – u telaq jiġri. Hi stmat li l-ġiżirana tiswa ċirka mitejn Euro.

PS 1337 Kevin Curmi xehed illi huwa ra l-filmat mis-sistema ta' CCTV cameras tal-Bank of Valletta ġewwa Rahal Ġdid fejn dehret persuna liebsa qalziet iswed u flok

[16] Dwar dan ir-rapport xehed PS15 Cyril Butters fis-26 ta' Frar 2019 – Dok. CB2 - li kkonferma dak li gie rapportat minn Mary Callus.
[17] Dan ir-rapport xehed dwaru PS15 Cyril Butters fis-26 ta' Frar 2019 – Dok. CB1 – kif ukoll l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa fil-21 ta' Ottubru 2019.

griz jgħaddi quddiem il-Knisja. Wara ċirka siegħa, huwa ġie infurmat li seħħet serqa simili ġewwa Triq San Ġorg, Ħal Luqa u meta ra l-filmati ta' din it-tieni serqa[18] huwa nota li l-persuna li wettqet din is-serqa kienet liebsa l-istess ħwejjeġ bħall-persuna li kienet għadha kif wettqet is-serqa ġewwa Rahal Gdid, liema persuna għaddiet mill-istess toroq ġewwa Hal Luqa li kienu ġew indikati mill-vittma f'dak il-każ. Xehed ukoll illi huwa rċieva informazzjoni minn telefonata anónima li l-persuna li wettaq is-serqa ta' Ħal Luqa telaq minn fuq il-post b'vettura ta' lewn griż tat-tip *saloon* li bejn wieħed u ieħor kellha bejn ħmistax u għoxrin sena, li kienet qiegħda tistennih fuq il-post.

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi huwa wettaq tfittxija fir-residenza tal-imputat Tony Zammit ġewwa z-Zejtun fejn ġew elevati ħafna ħwejjeġ li dehrlu li kienu konnessi maż-żewg serqiet li xehed dwarhom, li seħħew f'Raħal Ġdid u Ħal Luqa, għaliex jidhru fil-filmati tas-CCTV cameras. Dawn il-ħwejjeġ jikkonsistu fi flok griż li għandu *logo* fuqu (Dok. KC10), qalziet iswed tat-tracksuit tal-marka Puma (Dok. KC11), slipper iswed b'faxxa bajda (Dok. KC12 u KC13).

Ikkunsidrat;

Għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni u li ġew indikati mill-Avukat Generali fin-nota tiegħu tar-rinviju għall-ġudizzju, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull serqa addebitata lilu, bejn l-imputat u dik is-serqa: ness li jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien prorju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dik is-serqa. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess. Kif inhuwa paċifikatament risaput, biex Qorti ta' kompetenza kriminali tista' tasal legalment għal deċiżjoni ta' ħtija, il-Qorti tkun trid tkun moralment ċerta tal-ħtija tal-imputat: ċertezza li għandha tkun radikata biss fil-provi ammissibbli li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti

[18] Fimati li ttiehdu minn gewwa Central Pharmacy – ara wkoll xhieda ta l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa, 21 ta' Ottubru 2019.

proċesswali u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Din il-konvinzjoni morali tikkostitwixxi l-ogħla grad probatorju li jeżisti fis-sistema ġuridiku tagħna għaliex il-livell probatorju li jrid jintlaħaq huwa wieħed li jinstawra konvinċiment dwar il-ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u huwa abbażi ta' stħarriġ sħiħ, imparzjali u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi ordinarji u esperti u dawk diretti u indiretti jew indizzjarji, li l-Qorti għandha tiddeċiedi jekk issibx ħtija o meno fil-persuna akkużata għall-kommissjoni tar-reati lilu addebitati.

Kwantu speċifikatament għall-evidenza indiretta jew ċirkostanzjali, inghad hekk mil-Qorti tal-Appell Krminali f'sentenza reċenti:-

"*... l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.*"[19]

Fl-istess sentenza appena ċitata, il-Qorti għamlet referenza wkoll għal dak li ġie ritenut in materja fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Spiteri**[20]:-

"*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun*

[19] **Il-Pulizija v. Massimo Chircop** – deciza 25.2.2020.
[20] Qorti tal-Appell Kriminali, deciz 5.7.2002.

*moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*"

Issa fil-każ in diżamina, il-Pulizija waslu biex jixlu lill-imputat odjern bir-reati ta' serq indikati fiċ-Ċitazzjoni għaliex minn informazzjoni anónima b'rabta ma' tnejn mis-serqiet, jirriżulta li l-malvivent telaq minn fuq il-post b'vettura griża tal-għamla Nissan bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO-052. Wara li ġie stabbilit li din il-vettura hija liċenzjata f'isem Tony Zammit - li huwa magħruf mal-Pulizija u jafu wkoll illi huwa jattendi regolarment ġewwa c-Centru tad-Detox ġewwa Gwardamangia minħabba l-vizzju tad-droga - ġew elevati filmati miċ-Ċentru tad-Detox fejn jirriżulta li f'uħud mid-dati meta seħħew is-serqiet u f'ħinijiet qrib ta' meta twettqu l-istess serqiet, l-imputat kien liebes l-istess ħwejjeġ bħal dawk li kien liebes l-aggressur, liema ħwejjeġ imbagħad instabu fir-residenza tal-imputat waqt tfittixija li saret fit-13 ta' Ottubru 2018 u ġew esebiti materjalment fl-atti proċesswali[21].

Illi l-provi tal-Prosekuzzjoni li jorbtu lill-imputat mas-serqiet li xehdu dwarhom il-vittmi u xiehda okulari kif ukoll l-uffiċjali tal-Pulizija li rċevew ir-rapporti relattivi, jistrieħu prinċipalment, u f'każijiet minnhom esklussivament, fuq l-identifikazzjoni tal-imputat minn fuq filmati mehudin minn CCTV cameras tal-inħawi tal-lok ta' kull serqa[22]. Jiġi osservat illi l-ebda waħda mill-vittmi ma identifikat pożittivament u b'ċertezza lill-imputat Tony Zammit bħala l-aggressur, ħlief għal Mary Callus u oħtha Rita Buhagiar, Maria Elena Lughermo u Dorotea Cuschieri li qalet li l-imputat li ratu fl-Awla, jixbaħ lill-aggressur li serqilha l-ġiżirana ġewwa Ħal Għaxaq fit-8 ta' Ottubru 2018.

**Il-Qorti tifhem li dan in-nuqqas ta' identifikazzjoni huwa ftit jew wisq mistenni fiċ-ċirkostanzi ta' kif twettqu s-serqiet għaliex mill-provi jirriżulta illi s-serqiet kollha twettqu b'*snatch and grab* f'sekonda jew tnejn, fejn il-malvivent javviċina**

[21] Minn PS 1337 Kevin Curmi, 25 ta' Ottubru 2018.
[22] Ghajr ghas-serqa li twettqet fit-12 ta' Ottubru 2018 a dannu ta' Maria Pace gewwa l-Hamrun.

**lill-vittma – kollha nisa ta' eta` avvanzata li wħud minnhom għaddew minn trawma psikoloġika b'riżultat tal-aggressjoni mwettqa fil-konfront tagħhom – u f'mossa għal għarrieda jaħtaf il-giziranza ta' ma' għonqhom u jitlaq jiġri**. Fil-każ ta' tnejn biss mis-serqiet jirriżulta li l-aggressur tlajja għal ftit sekondi: darba biex jaljena lill-vittma meta saqisha fejn toqgħod persuna u darb'oħra meta, wara li ħataf il-ġizirana, huwa dar lura b'mossa u kliem li taw x'jifhem li kien ser jagħti lura l-biċċa tal-ġiżirana li rnexxielu jaħtaf, iżda minflok ħataf ukoll il-parti l-oħra tal-ġiżirana li kienet għadha mdendla ma' għonq il-vittma. Mhux hekk biss, fil-kaz tas-serqa ġewwa Santa Venera għad-dannu ta' María Abela, l-aggressur kellu rasu mgħottija b'*hood*. Fil-ġabra ta' dan kollu, il-Qorti tifhem li għalkemm huwa minnu li waqt *snatch and grab* l-aggressur neċessarjament ikun jinsab qrib ħafna tal-vittma, qajla jkun hemm opportunita` propizja sabiex il-vittmi tas-serq, imbagħad fiċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, setgħu osservaw wiċċ l-aggressur tagħhom – persuna kompletament estraneja ghalihom - għal ħin raġjonevoli biex imbagħad jidentifikawh pożittivament minn fost persuni oħrajn.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-filmati meħudin minn CCTV cameras fl-akkwati li ġew indikati lill-Pulizija mill-vittmi nfushom bhala l-lok tas-serqa u d-direzzjoni fejn ħarab l-aggressur, filmati li juru lill-aggressur miexi fit-triq tas-serqa u jew jaħrab minn fuq il-post, jassumu portata speċifika kif ukoll strateġika, senjatament għall-fini tal-identifikazzjoni tal-imputat.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an*

*offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [23]

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li PS 1337 Kevin Curmi xehed li huwa eleva minn CCTV cameras fl-inħawi lilu indikat mill-vittmi u l-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammisibbilita' tad-dokumenti esebiti minnu minn dan l-aspett. Fi kwalunkwe każ, l-espert maħtur mill-Qorti Dr. Steven Farrugia Sacco analizza l-filmati individwali esebiti minn PS 1337 Kevin Curmi u mkien ma indika fir-rapporti tiegħu[24] illi r-reġistrazzjonijiet eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

Jirriżulta mill-provi illi uħud mill-vittmi raw il-filmati relevanti u fihom għarfu lill-aggressur. Mhux hekk biss, iżda l-uffiċjali tal-Pulizija li raw l-istess filmati kif ukoll filmati elevati mill-Pulizija miċ-Ċentru tad-Detox ġewwa Gwardamangia ta' dawk id-dati meta twettqu wħud mis-serqiet in diżamina, għarfu lill-allegat aggressur li jidher fuq il-filmati bħala l-istess persuna - anke għaliex f'uħud mis-serqiet kien ukoll liebes l-istess ħwejjeġ - kif ukoll bhala l-imputat odjern Tony Zammit. PS 1337 Kevin Curmi, li ra dawn il-filmati kollha u ħejja *time-line* fuq DVD (Dok. KC), għaraf lill-persuna li tidher f'dawn il-filmati, liebes l-istess ħwejjeġ bħall-aggressur li wettaq is-serqiet ftit minuti qabel jew wara l-presenza tiegħu ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox, bħala l-imputat Tony Zammit. Il-Qorti tqis illi din l-identifikazzjoni tal-imputat mill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju. Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a*

[23] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.
[24] Dok. SFS, Dok. SFS1.

*crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[25].

Fil-kawza *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [26].

Il-Qorti rat hija stess il-filmati ta' dawn is-serqiet u l-filmati meħudin minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox[27], u rat ukoll il-fotogrammi relattivi li insiltu minn dawn il-filmati mill-espert minnha maħtur, Dr. Steven Farrugia Sacco, u li jinsabu riprodotti fiz-zewg

[25] R. vs. Caldwell and Dixon, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**
[26] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.
[27] Dok. KC1 *et sequitur*.

rapporti tieghu[28]. Għalkemm huwa minnu li wiċċ l-aggressur ma jintgħarafx mill-filmati meħudin minn cameras fl-akkwati tas-serqiet għaliex l-immaġini huma pjuttost ofsukati, l-imputat jintgħaraf faċilment fil-filmati meħudin mill-cameras ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox. Wara kollox, il-Qorti kellha okkażjoni tara lill-imputat quddiemha fid-diversi seduti miżmuma fil-kors ta' din il-kawza u ma għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi li effettivament il-persuna li jidher f'dawn il-filmati miċ-Ċentru tad-Detox m'huwa ħadd ħlief l-imputat Tony Zammit, għalkemm din il-kostatazzjoni, waħedha, ma jfissirx li l-imputat ikkommetta s-serqiet in diżamina.

Huwa minnu illi kif ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, ma nstabu l-ebda res furtiva waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat. Madanakollu, il-Qorti tqis illi teżisti evidenza oħra ċirkostanzjali fl-atti proċesswali li, kollox magħdud, jorbot lill-imputat odjern ineżorabbilment ma' <u>uħud</u> mis-serqiet li ġie akkużat li wettaq. Din l-evidenza ċirkostanzjali tikkonsisti primarjament fil-ħwejjeġ li ġew elevati mill-Pulizija minn ġewwa r-residenza tal-imputat odjern fiż-Żejtun[29] - ħwejjeġ li fil-fehma tal-Qorti wkoll jaqblu perfettament mal-ħwejjeġ li kien liebes l-aggressur waqt il-kommissjoni ta' uħud mis-serqiet kif jidher mill-filmati u kif deskritti wkoll mid-derubati fix-xhieda tagħhom - u fil-presenza tal-vettura liċenzjata f'isem l-istess imputat, fl-inħawi fejn ġew kommessi uħud mis-serqiet, liema vettura nstabet ukoll ipparkjata quddiem ir-residenza ġewwa ż-Żejtun fejn ġie arrestat l-imputat[30].

Kwantu ghall-analiżi li għamlet il-Qorti stess tal-evidenza inkluż dik diġitali, għall-fini ta' identifikazzjoni tal-malvivent li wettaq is-serqiet u l-identifikazzjoni tal-imputat, ikun opportun li ssir referenza ghal dak li ġie rapportat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza appena ċitata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Schembri[31]:-**

---

[28] Dok. SFS u Dok. SFS1.
[29] Ara ricevuta Dok. FF6, fol. 48.
[30] Xhieda Spettur Fabian Fleri, 25.10.2018 li wkoll esebixxa formalment il-vettura BAO-052 tal-ghamla Nissan Sunny – Dok. FF7.
[31] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – sentenza tad-29.4.2010.

"*L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7): 'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*"[32]

Din is-setgħa tal-Qorti li tanalizza u tinterpreta provi konsistenti f'video footage u taghmel ezercizzju ta' identifikazzjoni hija stess, ġiet trattata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Genoveva Stoilova Neli Ilieva et**[33] fejn ingħad : "*Fl-ahhar mill-ahhar gudikant irid ikun konvint li dak li jidher fil-filmat iwettaq ir-reat ikun fil-fatt l-imputat u dan minghajr dubju dettat mir-raguni".*

[32] Imbagħad, fil-każ ġia' ċitat **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** ġie ritenut ukoll hekk:- "*We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting.*"

[33] Deċiż 8.11.2018.

Miżmum ferm dan l-insenjament u l-konsiderazzjonijiet ġia' magħmula, il-Qorti sejra tghaddi biex tanalizza l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni kwantu għal kull serqa, individwalment, fis-sekwenza l-iktar loġika.

Ikkunsidrat;

Kwantu għas-serqa li twettqet fl-4 ta' Ottubru 2018 ġewwa Ħal Luqa fejn il-vittma kienet Mary Callus – mertu tat-tmien imputazzjoni - il-Qorti tosserva illi fil-filmat ta' CCTV camera fl-inħawi tas-serqa u l-fotogrammi relattivi, u għall-habta tat-8.20 a.m., l-aggressur jidher liebes flok griż b'*logo* bil-kliem "*California Los Angeles ... Dept*" miktub bl-abjad, qalziet iswed kif ukoll *slipper* iswed b'faxxa bajda. Dawn il-ħwejjeġ, fil-fehma tal-Qorti, jaqblu perfettament mal-ħwejjeġ li ġew elevati mill-Pulizija minn ġor-residenza tal-imputat[34] u li ddeskrivew fix-xhieda tagħhom il-vittma Mary Callus kif ukoll oħtha Rita Buhagiar. B'żieda ma' dan, Mary Callus għarfet lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li hija rat fuq il-filmati tas-CCTV bhala l-aggressur tagħha, bħalma għamlet ukoll ohtħa Rita Buhagiar li rat l-aggressur għaddej quddiemha u ġriet warajh u kwindi, kellha okkażjoni tosservah.

Fil-ġabra ta' dawn il-provi kollha, il-Qorti tqis li ġie ppruvat fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-kamp kriminali, li kien l-imputat Tony Zammit li wettaq is-serqa lilu addebitat fit-tmien imputazzjoni.

Kwantu għall-kwalifika tal-valur, il-vittma xehdet li l-ġiżirana li nsterqitilha kienet tiswa ċirka mitejn u ħamsin Lira Maltin (ekwivalenti għal €582.34), iżda naqset milli tipproduċi prova dokumentarja in sostenn ta' dan il-valur peress li din kienet inxtrat iktar tletin sena qabel. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti fehmet illi x-xhieda tal-vittma tikkostitwixxi l-aħjar prova dwar il-valur li tista' tinġieb u ma għandha l-ebda riżerva biex tagħti valur probatorju lil din ix-xhieda kif ukoll biex tqisha bħala verosimili. Kif

[34] Ara fol. 366. Il-flok griz li ghandu logo fuqu - Dok. KC10; qalziet iswed tat-tracksuit tal-marka Puma - Dok. KC11; slipper iswed b'faxxa bajda - Dok. KC12 u KC13.

qal Lord Denning fil-każ **Garton v Hunter**[35] fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi prodotta l-aħjar prova:-

"*... if an original document is available in your hands, you must produce it. You cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility*."

Ikkunsidrat;

Iktar kmieni fl-istess ġurnata tal-4 ta' Ottubru 2018, sfat derubata Mary Cassar ħdejn il-Knisja ta' Raħal Ġdid, meta raġel liebes qalziet ċar u qmis ta' lewn aħdar, ħatfilha l-ġiżirana u serqaha. Id-derubata indikat lil PS 1337 Kevin Curmi l-lok tas-serqa kif ukoll li l-persuna ġriet lejn in-naħa tal-pjazza, u hu rnexxilu jikseb filmat mis-sistema ta' CCTV cameras tal-Bank of Valletta ġewwa Raħal Ġdid, fejn minn eżami tal-filmat tidher persuna liebsa qalziet iswed u flok griz b'*logo* abjad fuq quddiem[36], tiġri quddiem il-Knisja fil-ħin tas-serqa. Il-wiċċ tal-persuna iżda, ma jidhirx fil-filmat iżda jidher li l-flok griz ghandu *logo* abjad fuq quddiem.

Huwa minnu li mill-provi jirriżulta illi wara ċirka siegħa, l-imputat Tony Zammit wettaq is-serqa ta' ġiżiranza bl-istess *modus operandi*, ġewwa Triq San Ġorġ, Ħal Luqa, kif appena stabbilit, u huwa minnu wkoll li huwa ppruvat li f'din it-tieni serqa ta' Ħal Luqa l-imputat kien liebes ukoll flok griz b'*logo* stampat bl-abjad fuqu, u qalziet skur[37]. Madanakollu, fin-nuqqas ta' prova diretta jew ċirkostanzjali oħra li torbot lill-imputat odjern ma' din is-serqa, u meta ma saret l-ebda identifikazzjoni kwalsiasi tal-imputat bhala l-persuna li serqet lil Mary Cassar, il-Qorti m'hijiex konvinta moralment, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi l-fatt waħdu li l-imputat wettaq serqa f'ċirkostanzi identiċi fl-istess ġurnata, liebes ħwejjeġ li jidher li

[35] [1969] 2 QB 37, pp. 44. Ċitat f'Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. F1.25, pp. 2341.
[36] Ara fotogrammi Dok. C1, fol. 383 – parti mir-rapport Dok. SFS.
[37] Dawn il-hwejjeg gew esebiti materjalment – Dok. KC10 u KC11.

huma simili, huwa biżżejjed biex jinstawra fiha ċ-ċertezza morali li seta' kien biss l-imputat odjern li wettaq din is-serqa ad esklużjoni ta' xi ħadd ieħor, ħlief jekk tiġbed konklużjonijiet bl-użu ta' spekolazzjoni. F'moħħ il-Qorti jibqa' *a lurking doubt* dwar il-ħtija tal-imputat għal dan ir-reat, addebitat lilu fid-disa' imputazzjoni u konsegwentement, ma tistax issibu ħati.

L-istess konklużjoni tasal għaliha l-Qorti wkoll fir-rigward tas-serqa li ġiet addebitata lill-imputat fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk huwa gie mixli li seraq ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Pace fit-12 ta' Ottubru 2018 ġewwa l-Ħamrun, iżda ma tressqu l-ebda provi kwalsiasi li jistabbilixxu ness bejn l-imputat u din is-serqa, għajr għall-fatt li s-serqa twettqet bl-istess *modus operandi* bħas-serqiet kollha l-oħra li huwa ġie akkużat bihom f'dawn il-proċeduri. Effettivament, jirriżulta illi l-vittma ma ratx lill-aggressur u ma tressqu l-ebda provi diretti jew ċirkostanzjali kwalsiasi - lanqas filmati li fihom jidher l-aggressur - li jorbtu lill-imputat ma' din is-serqa. Għaldaqstant il-Qorti sejra tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fis-serqa li saret ġewwa Ħal Għaxaq fit-8 ta' Ottubru 2018, il-persuna li tidher pjuttost ċar fil-filmat miexja wara l-anzjana fi Triq Dar il-Bebbux, kantuniera ma' St. Charles Alley fejn giet misruqa Dorotea Cuschieri għall-ħabta tas-12.45 p.m. – persuna li fil-karatteristiċi u dehra tagħha tixbaħ lill-imputat odjern - huwa liebes flokk tal-kulur *mustard* u b'*logo* skur, bermuda tad-*denim* imqatta' kif ukoll berritta. PC1158 Christopher Saliba[38] xehed dwar dak li rapportatlu l-vittma Dorotea Cuschieri, li l-aggressur kien liebes "*berrita kannella, jeans blue u flok isfar jew ahdar*"[39]. Il-Qorti tifhem li għalkemm fix-xhieda tagħha id-derubata ma reġgħetx tat din id-deskrizzjoni ta' x'kien liebes l-aggressur tagħha, għajr għall-berritta, dan in-nuqqas ma huwa attribwibbli għal xejn ħlief għall-esperjenza trawmatika li jidher li għaddiet minnha l-istess vittma. Il-Qorti fehmet li din l-esperjenza ħalliet impatt

[38] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2019.
[39] Ara wkoll rapport a fol. 66 *et seq*.

ħażin fuq il-qagħda emozzjonali tal-vittma f'dan il-każ, fejn anke fuq il-pedana tax-xhieda, hija kienet qiegħda evidentement imfixkla tant li kienet qiegħda wkoll ittemtem. Fiċ-ċirkostanzi, ix-xhieda tal-uffiċjal tal-Pulizija li rċieva r-rapport tagħha, tikkostitwixxi prova tal-fatt illi dak il-ħin li għamlet ir-rapport dwar is-serqa, il-vittma qaltlu li l-aggressur kien liebes proprju l-ħwejjeg li huwa mbagħad iddeskriva fix-xhieda tiegħu, u l-Qorti sejra tagħti d-debitu valur probatorju lil din id-deskrizzjoni.

Jirriżulta wkoll illi ħwejjeġ identiċi għal dawk li kien liebes l-aggressur, instabu fir-residenza tal-imputat odjern u ġew esebiti materjalment fl-atti[40] u fuq kollox, jirriżulta wkoll illi l-vittma, waqt li kienet fuq il-pedana tax-xhieda, identifikat lill-imputat Tony Zammit bhala persuna li tixbaħ ħafna lill-aggressur tagħha. Il-Qorti qalja tqis li huwa possibbli li persuna oħra li skont il-vittma u skont anke ma jidher fil-filmati, tixbaħ ħafna lill-imputat, jippossjedi ħwejjeg identiċi għal dawk li kien liebes l-aggressur.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija konvinta moralment li l-persuna li wettqet is-serqa tal-ġiżirana ta' Dorotea Cuschieri huwa l-imputat Tony Zammit u għalhekk huwa għandu jinstab ħati tar-reat addebitat lilu fis-sitt imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghas-serqa minn fuq il-persuna ta' Beatrice Fenech fit-8 ta' Ottubru 2018 ġewwa Triq San Ġużepp, il-Pieta`, PS1337 Kevin Curmi xehed illi huwa eleva filmat mill-istess triq, fejn fil-ħin li indikat il-vittma, jidher persuna liebes flok ta' lewn *mustard* u bermuda skur[41] tiġri fit-triq. Il-vittma stess xehdet li l-aggressur tagħha telaq jiġri fid-direzzjoni ta' St. Luke's u effettivament, mill-filmat esebit in atti (Dok. KC6), l-imsemmija persuna tidher tiġri fit-triq. Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li din il-persuna hija l-malvivent li seraq lil Beatrice Fenech. Issa dakinhar stess, ftit minuti qabel, jirriżulta illi l-imputat kien jinsab ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox, Gwardamangia:

[40] Dok. KC14 u KC15; ara wkoll fol. 370.
[41] Dok. KC15.

PS 1337 Kevin Curmi identifikah fil-filmat meħud minn fuq CCTV cameras ġewwa l-istess Ċentru fejn huwa jidher liebes **flokk tal-istess kulur kif ukoll bermuda skur bħalma kien liebes ir-raġel li seraq lil Beatrice Fenech ftit minuti wara fl-istess akkwati**[42]. Mhux hekk biss, iżda l-flok li kien liebes Tony Zammit waqt li kien fiċ-Ċentru tad-Detox huwa l-istess flokk identiku li ġie stabbilit li kien liebes fis-serqa ta' Ħal Ghaxaq, liema flokk ġie wkoll esebit materjalment fl-atti.

Il-Qorti minn dan kollu hija konvinta li kien l-imputat li seraq is-salib mill-ġiżirana ta' Beatrice Fenech fil-11 ta' Ottubru 2018 u għandu għalhekk jinstab hati tar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni, iżda mingħajr il-kwalifika tal-valur. Dan qed jingħad għaliex mill-provi jirriżulta li l-ġiżiranza, għad illi nqasmet min-nofs b'riżultat tal-attentat tal-imputat li jaħtafha minn għonq il-vittma, baqgħet ma nsterqitx. Madanakollu, l-imputat ma ġiex mixli bir-reat ta' ħsara volontarja u lanqas ma nġiebet prova dwar il-ħsara li setgħet ġiet irrekata lill-ġiżirana. Għalkemm kif inghad, huwa minnu li insteraq is-salib li kien imdendel mill-ġiżirana, ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur ta' dan is-salib.

Ikkunsidrat ;

Fl-istess ġurnata tal-11 ta' Ottubru 2018, **inqas minn siegħa wara li twettaq is-serqa ġewwa Tal-Pieta`**, Dolores Ciantar sfat misruqa ġewwa Ħal Qormi. Hi xehdet illi l-aggressur tagħha kien liebes "*flok isfar u shorts*" u għariftu minn fuq il-filmat li kien intwerilha sussgwentement minn surġent tal-Pulizija. Dawn il-filmati ġew esebiti minn PS1337 Kevin Curmi li xehed illi huwa eleva filmati minn CCTV cameras ġewwa Triq San Bastjan, Ħal Qormi u rnexxielu jirrintraċċja l-movimenti tal-aggressur ġewwa Triq San Bastjan u Triq l-Arkati. Minn eżami ta' dawn il-filmati[43] jidher mhux biss persuna liebsa flok isfar u bermuda, ċioe` l-istess ħwejjeg li, kif diġa' stabbilit, kien liebes l-imputat odjern meta kien fiċ-Ċentru tad-Detox u meta wettaq is-serqa ġewwa Tal-Pieta` ftit tal-ħin qabel, iżda tidher ukoll vettura griża bin-numru ta'

[42] Ara mappa fol. 375.
[43] Ara wkoll fotogrammi Dok. C7 fir-rapport Dok. SFS.

reġistrazzjoni li jidher kjarament li huwa BAO-052. Mill-filmati esebiti u mix-xhieda[44], jirriżulta illi din il-vettura kienet ipparkjata ġewwa Triq San Bastjan u ġie ppruvat ukoll li hija liċenzjata f'isem l-imputat Tony Zammit[45].

Dan kollu magħdud, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li kien proprju l-imputat li jidher f'dawn il-filmati, bħala l-aggressur ta' Dolores Ciantar, u li wettaq is-serqa addebitat lilu fit-tielet imputazzjoni, anke għaliex mill-filmat Dok. KC7, il-persuna identifikata bhala l-aggressur, tidher dieħla fl-imsemmija vettura u titlaq minn fuq il-post biha, vettura li nstabet ukoll ipparkjata quddiem ir-residenza fejn l-imputat ġie arrestat.

Għalhekk l-imputat ghandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni iżda mingħajr l-aggravju tal-valur tal-oġġett misruq stante li ma tressqux provi dwar il-valur tal-ġiżirana li ġiet misruqa.

Ikkunsidrat ;

Ir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni ġie kommess f'Misraħ il-Barrieri, Santa Venera fit-13 ta' Ottubru 2018 fil-għodu. Id-derubata Maria Abela deskriviet lill-aggressur bħala liebes « *tracksuit griz u hood* » u identifikat lill-Pulizija il-lok tal-akkadut u d-direzzjoni li fiha l-aggressur ħarab. Minn filmati li ġew elevati minn Triq l-Erbgħa ta' Settembru, Santa Venera, tidher l-istess **vettura griża tal-imputat bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO-052 u jidher persuna liebes ħwejjeġ ta' lewn skur, riekeb ġo fiha għall-ħabta tal-istess ħin tas-serqa [46]. L-imputat intgħaraf minn PS 1337 Kevin Curmi mill-filmati meħuda mill-cameras taċ-Ċentru tad-Detox ġewwa Gwardamangia, dakinhar stess, għall-ħabta tal-istess ħin tas-serqa ftit distanza 'l**

[44] Dok. KC. Dok. KC7 u xhieda PS 1337 Kevin Curmi.
[45] Mill-mappa a fol. 377 jirrizulta li Triq San Bastjan, Qormi, hija biss triq 'il boghod mit-triq fejn twettqet is-serqa.
[46] Ara fotogrammi Dok. C8 formanti parti mir-rapport Dok. SFS, fol. 425, 426 u 427.

**bogħod minn Santa Venera, liebes *tracksuit* skur bil-*hood* miegħu**, għalkemm dak il-ħin ma kienx liebes il-*hood*[47].

Fil-ġabra ta' din l-evidenza indizzjarja kollha u tal-identifikazzjoni tal-imputat li saret minn PS 1337 Kevin Curmi minn fuq il-filmat, u miżmum ferm il-fatt li s-serq tal-ġiżirana ta' Maria Abela twettaq bl-istess *modus operandi* tas-serqiet kollha l-oħra ta' ġiżirajjen li mill-provi jirriżulta li ġew kommessi mill-imputat fil-ġranet preċedenti, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li r-reat ta' serq li ġie kommess fuq Maria Abela kif minnha deskritt, ġie kommess proprju mill-imputat odjern.

Għaldaqstant, il-ħtija tal-imputat għall-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata fil-grad meħtieġ.

Il-vittma xehdet illi l-ġiżirana li insterqet kellha valur ta' ċirka mitejn u hamsin Euro (€250) iżda din kienet rigal li ngħatalha ħafna zmien ilu. Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dokumentarja in sostenn ta' dan il-valur. Iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi x-xhieda tal-vittma dwar il-valur tikkostitwixxi l-aħjar prova disponibbli u li tista' tinġieb u għalhekk għandha tingħata valur probatorju. Barra minn hekk f'kull każ din il-prova ma ġietx kuntrastata u għalhekk il-Qorti tqis din ix-xhieda bħala verosimili. Konsegwentement, l-aggravju taħt l-Artikolu 279(b) tal-Kap. 9, huwa debitament ippruvat ukoll fil-kaz tas-serqa mertu tal-ewwel imputazzjoni u jsib applikazzjoni wkoll l-Artikolu 257D(ċ) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ;

Kwantu għas-seba' imputazzjoni, cioe` s-serq li sar minn fuq il-persuna ta' Maria Elena Lughermo ġewwa Ħal Tarxien fit-8 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tad-9.15 a.m., hija ddeskriviet lill-aggressur tagħha bħala liebes flok griż u bermuda griż. Dawn l-istess ħwejjeġ il-Qorti tosserva li jidhru fuq il-persuna li tidher miexja fl-istess triq,

[47] Ara filmat Dok. KC8 u Dok. A formanti parti mir-rapport Dok. SFS1, fotogrammi a fol. 459, 461 u 461.

Triq Santa Marija, proprju fil-ħin tas-serqa[48], fuq il-filmat elevat minn CCTV camera fl-imsemmija triq[49] fejn din il-persuna, identifikabbli kjarament bħala l-aggressur, jidher liebes flok griz bl-*logo* skur fuq in-naħa tax-xellug, bermuda griż b'*logo* ċar fuq is-sieq tax-xellug kif ukoll żarbun iswed b'faxxa bajda fil-qiegħ identiku ghaż-zarbun li ġie elevat mir-residenza tal-imputat u esebit fl-atti proċesswali.

**L-istess xorta ta' ħwejjeġ b'*logo*s fl-istess pozizzjoni u lewn fuq deskritti, kif ukoll żarbun iswed bi strixxa bajda fil-qiegħ, jidhru wkoll fuq il-persuna fil-filmat meħud miċ-Ċentru tad-Detox inqas minn siegħa qabel: persuna li għandha l-istess statura kif ukoll stil ta' xagħar bħall-aggressur fil-filmat Dok. KC3[50] u li PS 1337 Kevin Curmi għarafha pożittivament bħala l-imputat Tony Zammit. Il-vittma gharfet lill-imputat fl-Awla bhala l-persuna li attakkaha.**

F'dan l-istadju, qabel tgħaddi biex tevalwa ta' dawn il-provi għall-fini tas-sejbien ta' ħtija o meno tal-imputat għal dan id-delitt, il-Qorti tqis li jkun opportun illi tistħarreġ il-provi li tressqu in konnessjoni mas-serqa li twettqet jumejn wara, għad-dannu ta' Georgia Micallef fl-10 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tat-7.45 a.m. ġewwa Birkirkara – kif addebitat fil-ħames imputazzjoni - għaliex il-provi li tressqu huma analogi.

Georgia Micallef fix-xhieda tagħha, iddeskriviet lill-persuna li serqitha, bħala liebes "*shorts u flok*". Qalet li din il-persuna marret tiġri ġewwa Triq Santa Tereza. Minn filmat li gie elevat minn dik l-istess triq[51], jidher raġel qiegħed jiġri fil-ħin tat-7.52 a.m., liebes flok griż, *shorts* iswed u *slipper* iswed bil-qiegħ abjad. Meta dan il-filmat[52] jiġi mqabbel mal-filmat li ttieħed minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox, Gwardamangia, fl-istess ġurnata tal-10 ta' Ottubru 2018 fil-hin tat-8.30 a.m., ċioe' **inqas minn siegħa wara**, il-persuna li PS 1337 Kevin Curmi identifika bhala l-imputat Tony Zammit – li l-Qorti tosserva jixbaħ ħafna fid-dehra il-persuna li kienet

[48] 09:18h. Ara wkoll fol. 368.
[49] Ara fol. 368.
[50] Ara wkoll fotogrammi f'Dok. C3, formanti parti minn Dok. SFS1.
[51] Ara xhieda PS 1337 Kevin Curmi.
[52] Ara wkoll Dok. C5, fotogramm a fol. 410, formanti parti mir-rapport Dok. SFS.

qed tiġri ġewwa Triq Santa Tereza, Birkirkara fil-ħin tas-serqa - jidher liebes flok griż bl-istess *logo* iswed fuqu, kif ukoll l-istess tip ta' *slipper* li kien liebes l-aggressur ta' Georgia Micallef. Żarbun identiku għal dak li jidher fiż-żewg filmati, ġie elevat mir-residenza tal-imputat u ġie esebit ukoll materjalment fl-atti[53]

Għall-Qorti huwa għal kollox inverosimili illi fl-istess ġurnata u fl-istess ħin approssimattiv, ikun hemm raġel ieħor li jixbaħ tant lill-imputat fl-istatura u karatteristiċi oħrajn li jkun liebes l-istess ħwejjeġ identiċi. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed jinvestigaw dan ir-rapport, imkien fix-xhieda tagħhom ma xehdu li ltaqgħu ma' rġiel oħrajn li kienu lebsin identiku bħall-imputat. Dan il-konvinċiment li l-imputat li jidher fil-filmat ġewwa ċ-Ċentru tad-Detox huwa l-istess persuna bħall-aggressur li seraq lil Maria Elena Lughermo u lil Georgia Micallef, imbagħad ikompli jigi konfortat bil-kumpless taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra indizzjarji fosthom il-*modus operandi* identiku li jikkaratterizza kull serqa li ġia' ġie ppruvat li gew kommessi mill-imputat odjern fil-ġranet preċedenti jew sussegwenti, u l-fatt li f'kull kaz insterqu biss ġiżirajjen minn għonq il-vittmi. Dawn il-provi indizzjarji huma, fil-fehma tal-Qorti, univoċi u jwasslu għal konkluzjoni waħda u ċioe' l-ħtija tal-imputat għal dawn iż-żewġ serqiet. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-persuna li wettqet is-serqa fuq Maria Elena Lughermo ġewwa Ħal Tarxien u fuq Georgia Micallef ġewwa Birkirkara, m'huwa ħadd ħlief l-imputat.

Kwantu għall-aggravju tal-valur tal-oġġett misruq, Maria Elena Lughermo xehdet li l-ġiżiranza bid-domna li nsterqulha, kellhom valur sentimentali iżda ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur proprju jew approssimattiv tagħhom. Għaldaqstant, l-aggravju tal-valur m'huwiex ippruvat fir-rigward tas-serqa mertu tas-seba' imputazzjoni.

Imbagħad, kwantu ghall-kwalifika tal-valur tal-ġiżirana li nsterqet minn Georgia Micallef, il-vittma xehdet illi din kienet ilha ghandha madwar tnejn u tletin sena u meta marret tixtri ohra simili taghha, talbuha €500[54]. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti fehmet

[53] Dok. KC12.
[54] Dwar dan ir-rapport xehdet ukoll WPS198 Jennifer Caruana fis-26 ta' Frar 2019.

illi x-xhieda tal-vittma tikkostitwixxi l-aħjar prova dwar il-valur li tista' tinġieb tal-oġġett derubat u l-Qorti sejra tistireħ fuq ix-xhieda tal-vittma dwar il-valur tal-oġġett misruq. Wara kollox, ma tressqu l-ebda provi kuntrarji u ma ntweriet l-ebda raġuni għaliex din ix-xhieda ma għandhiex tiġi emmnuta. Konsegwentement, l-aggravju taħt l-Artikolu 279 tal-Kap. 9, huwa debitament ippruvat għall-fini tas-serqa addebitat fil-ħames imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi ġie għalhekk stabbilit il-ħtija tal-imputat għar-reat ta' serq kif addebitat lilu fl-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet. Dan is-serq, fil-każ tal-ewwel, il-ħames u t-tmien imputazzjonijiet, huwa aggravat ukoll bil-valur stante illi ġie ppruvat li l-oġġetti misruqa kellhom valur li jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda mhux ukoll is-somma ta' €2,329.37.

Fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali indika li tista' tinsab ħtija taħt l-Artiklu 257D tal-Kap. 9. Dan jistipola:-

*257D. (1) Kull persuna li tinsab ħatja ta' xi reat taħt it-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb*[55]*, meta r-reat jitwettaq fuq persuna anzjana jew adult dipendenti, teħel il-piena prevista f'dan l-artikolu:*

*b) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) iżda mhux iżjed minn tlett elef euro (€3,000), il-piena tkun dik ta'priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin:*

...

*(ċ) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.*

[55] Fuq id-Delitti Kontra l-Proprjeta' u Kontra s-Sigurta' Pubblika.

Imbagħad, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 257F jiddefinixxi persuna anzjana bħala persuna li għaqlet l-eta' ta' sittin sena.

Il-Prosekuzzjoni esebiet fl-atti estratti uffiċjali miċ-ċertifikati tat-twelid tal-vittmi kollha tas-serqiet li ġew imwettqa mill-imputat[56] u minn eżami taċ-ċertifikati relevanti[57], jirriżulta illi d-derubati kollha vittmi tas-serqiet li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat odjern, kienu diġa' għalqu l-eta' ta' sittin sena meta ġie kommess is-serq. Għaldaqstant, il-Qorti għandha tapplika l-pieni relattivi previsti fl-Artikolu 257D tal-Kap. 9.

**L-Addebitu tar-Reċidiva**

In sostenn tal-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja fotostatika, debitament awtentikata mid-Deputat Registratur Brian Avellino, ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Tony Zammit*[58]. Din is-sentenza jirrizulta li fiha l-konnotati kollha tal-ħati li permezz ta' dik is-sentenza gie kkundannat seba' xhur priġunerija, liema konnotati huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern.

Ġiet esebita wkoll vera kopja fotostatika, debitament awtentikata mil-istess Deputat Registratur fuq imsemmi, ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Tony Zammit u Darren Brincat*[59]. Din is-sentenza jirrizulta li fiha l-konnotati kollha tal-ħati, liema konnotati huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern u l-Qorti hija għalhekk sodisfatta li Tony Zammit li permezz ta' dik is-sentenza gie kundannat sentejn pringunerija, huwa l-istess persuna bħall-imputat odjern.

---

[56] Xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri 25.10.2018 – Dok. FF9.

[57] Ċertifikat tat-twelid ta' Mary Abela – fol. 79; ċertifikat tat-twelid ta' Dolores Ciantar – fol. 81; ċertifikat tat-twelid ta' Beatrice Fenech – fol. 82; ċertifikat tat-twelid ta' Georgia Micallef – fol. 83; ċertifikat tat-twelid ta' Dorotea Cuschieri – fol. 84; ċertifikat tat-twelid ta' Maria Elena Lughermo – fol. 85; ċertifikat tat-twelid ta' Mary Callus – fol. 86.

[58] Dok. FF10, fol. 291 *et seq*.

[59] Dok. FF11, fol. 293 *et seq*.

Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, il-Qorti abbażi taż-żewġ sentenzi esebiti in sostenn ta' din l-għaxar addebitu, tosserva illi meta l-imputat ikkommetta s-serqiet mertu ta' din il-kawża f'Ottubru 2018, it-terminu ta' ħames snin kien diġa' għalaq mid-data meta ġew skontati ż-żewġ pieni ta' priġiunerija inflitti fis-sentenzi appena msemmija. Għaldaqstant, ma jirriżultax ir-reċidiva taħt l-Artikolu 50 iżda biss taħt l-Artikolu 49 u l-Artikolu 289[60] tal-Kap. 9.

**Piena**

Minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat, jirriżulta minnufih illi l-imputat huwa veteran tal-kriminalita` b'diversi kundanni fosthom għal serq u skonta wkoll diversi pieni ta' priġunerija. Huwa wkoll minnu li l-imputat għandu problema akuta tal-abbuz tad-droga eroina u huwa bil-wisq ovvju li s-serqiet li huwa wettaq f'dan il-każ kienu maħsuba biex ifornulu l-mezzi biex ikompli jmantni dan il-vizzju ikrah u sfortunat li evidentement ħakem ħajtu.

Il-Qorti kkunsidrat ir-rapport favorevoli tal-Uffiċjal tal-Probation, Annabel Bugeja, li ġiet maħtura biex issegwi lill-imputat taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni għall-fini tal-ħelsien mill-arrest tiegħu, fejn innotat illi l-imputat wara andament negattiv, irreġistra titjib fl-attendenza tiegħu għas-sessjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tal-Probation u Parole kif ukoll fir-riżultati tat-testijiet tad-droga li sarulu. Madanakollu, jidher li baqa' ma sar l-ebda aġġornament dwar l-andament tal-imputat mill-21 ta' Ottubru 2019[61].

**Iżda fl-istess ħin il-Qorti ma tistax twarrab il-gravita' tad-delitti kommessi mill-imputat kif ukoll il-viljakkerija assoluta fix-xelta tiegħu tal-vittmi tad-delitti tiegħu, liema vittmi huwa għażilhom speċifikatament u unikament għaliex huma**

[60] Is-sentenza Dok. FF11 mogħtija fit-28 ta' Novembru 2008 sabet lill-imputat ħati ta' diversi imputazzjonijiet ta' serq.
[61] Fol. 383.

**anzjani u vulnerabbli. Aġir bħal dan huwa kundannabbli bl-iktar mod iebes għaliex l-effett inevitabbli ta' dawn id-delitti huwa t-trawmatizzar tal-iktar membri vulnerabbli tas-soċjeta' tagħna u d-disturb serju tal-aspettattiva leġittima tagħhom li jgħixu ħajjitihom u jwettqu r-rutina kwotidjana tagħhom bit-trankwillita' u s-serħan tal-moħħ li jistħoqqilhom u mingħajr il-biża' għall-inkolumita' tagħhom u tal-proprjeta' tagħhom.** Il-Qorti ħadet għalhekk in konsiderazzjoni għall-fini tal-kalibrazzjoni ta-piena, l-eta` avvanzata tal-vittmi tiegħu, liema eta' kif rajna, kienet il-kriterju determinanti fl-għażla tal-vittmi tiegħu u qieset ukoll il-fatt illi għalkemm il-valur tal-oġġetti misruqa ma jidhrix mad-daqqa t'għajn li huwa wieħed sostanzjali, mill-provi jirriżulta li l-ġiżirajjen kienu oġġetti stmati sentimentalment mid-derubati.

L-imputat qed jinstab ħati ta' seba' akkużi b'kollox u li huwa reċidiv:

- (1) Serq li huwa aggravat bil-valur għad-dannu ta' anzjana ta' 72 sena
- (3) Serq sempliċi għad-dannu ta' anzjana ta' 80 sena
- (4) Serq sempliċi għad-dannu ta' anzjana ta' 83 sena
- (5) Serq aggravat bil-valur għad-dannu ta' anzjana ta' 62 sena
- (6) Serq sempliċi għad-dannu ta' anzjana ta' 82 sena
- (7) Serq sempliċi għad-dannu ta' anzjana ta' 66 sena
- (8) Serq aggravat bil-valur għad-dannu ta' anzjana ta' 67 sena.

Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'każ konsimili li wkoll kien jikkonċerna diversi akkużi ta' serq minn fuq vittmi anzjani :-

« *Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati*

*ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.* »[62]

Il-Qorti tqis illi fil-każ in diżamina, miżmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq rapportati, piena karċerarcja effettiva hija l-unika piena idonea fiċ-ċirkostanzi.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tat-tieni u tad-disa' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 31, 49, 257D, 257F(4), 261(ċ), 267, 279, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil TONY ZAMMIT ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoniijet kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah tnejn u tletin (32) xahar priġunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 257D(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil TONY ZAMMIT iħallas lil Maria Abela s-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250), lil Mary Callus is-somma ta' ħames mija u tmenin Euro (€580), lil Georgia Micallef is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) u lil Dolores Ciantar, Beatrice Fenech, Dorotea Cuschieri, Maria Elena Lughermo is-somma ta' mitt Euro (€100) kull waħda, bħala kumpens għad-dannu soffert minnhom permezz tar-reati u fin-nuqqas li jsir ħlas kif ordnat, dan l-ordni jkun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia l-vettura Nissan Sunny bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO-052, esebita formalment fl-atti bħala Dok. FF7.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati TONY ZAMMIT sabiex**

[62] **Il-Pulizija v. Jacob Rakban**, deciza 31.1.2018.

**jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perijodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil TONY ZAMMIT sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma komplessiva ta' elfejn erba' mija u ħmistax-il Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€2,415.83)[63] rappreżentanti l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti mahturin fil-proċeduri**[64].

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Reġistratur tal-Qorti kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole kif ukoll lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

---

[63] €16.24 Dok. MM (Dr. Marisa Mifsud), €1,811.24 Dok. SFS (Dr. Steven Farrugia Sacco), €588.35 Dok. SFS1 (Dr. Steven Farrugia Sacco).

[64] Is-somma ta' €1,233.34 rapprezentanti spejjez tar-relazzjoni Dok. SFS1 (fol. 178 *tergo*), u s-somma ta' €526.76 spejjez tar-relazzjoni Dok. JM1 (fol 277).